# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Hamis ghaxra (10) ta' Mejju 2018**

**Rikors Numru 189/15 FDP**

**Brian Zammit**
**(ID 425975M)**

**vs**

**Darren Xuereb**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit 23 ta' Gunju 2015 fejn ir-rikorrent Brian Zammit talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallsu s-somma ta' disat elef, tmien mija u tletin Euro (€9,830) rappresnetanti kont ta' dawl u ilma ta' "garage" gewwa "Hamilton Court", Wied Hal Balzan, Balzan, liema konsum sar mill-konvenut li qed jokkupa wkoll il-"garage" imsemmi.

Rat ir-risposta ta' Darren Xuereb ippresentata fis 27 ta' Jannar 2016 fejn laqa' ghal dak mitlub billi qajjem is-segwenti eccezzjonijiet:

> *Illi fl-ewwel lok l-esponenti m'ghandu l-ebda relazzjoni guridka ma' l-attur u dana minhabba li huwa qatt ma kera minn ghandu. Di fatti l-garage gewwa Hamilton Court, Wied Hal Balzam Balzan ma giex mikri minn ghand l-attur izda minn terza persuna u ghalhekk huma mhuwiex il-legittimu kotradittur u konsegwentement ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*
>
> *Illi fit-tieni lok u minghajr l-ebda pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija infondata ifl-fatt u fid-dritt u ghalhekk l-ammont mitlub ghandu jigi michud.*
>
> *Illi fit-tielet lok u minghajr l-ebda pregudizzju ghas-suespost, ghandha tingab il-prova tal-periodu tal-konsum u tal-konsum inniffsu.*

Semghet ix-xhieda ta' **Brian Zammit** moghtija fit 18 ta' April 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita, li jinkludu il-kuntratt ta' kiri tal-garage Nru 15, Basement level, Hamilton Court, Balzan bejn JMA Limited u r-rikorrent Brian Zammit datat 10 ta' Gunju 2007 (fol 20) u il-kuntratt ta' kiri tal-garage Nru 15, Basement level, Hamilton Court, Balzan bejn JMA Limited u l-intimat Darren Xuereb datat 15 ta' Mejju 2008 (fol 22) kif ukoll dokumentazzjoni tal-ARMS Limited.

Semghet ix-xhieda ta' Brian Zammit moghtija fl-20 ta' Gunju 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda t' **Reuben Bonnici**, rappresentant tal-ARMS Limited, moghtija fl-20 ta' Gunju 2016 u prodott mir-rikorrent flimkien ma' dokumentazzjoni minnu ppresentata.

Rat id-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrent fl-20 ta' Ottubru 2016.

Rat illi fl-20 ta' Ottubru 2016 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi.

Semghet ix-xhieda ta' **Darren Xuereb** moghtija fit 8 ta' Mejju 2017.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Brian Zammit moghtija fit 8 ta' Mejju 2017.

Semghet ix-xhieda ta' **Twanny Delia**, prodott mill-intimat, bhala impjegat tal-Kunsill Lokali Iklin fiz-zmien inkwistjoni, moghtija fit 22 ta' Gunju 2017.

Semghet ix-xhieda ta' Reuben Bonnici bhala rappresentant tal-ARMS Limited prodott mill-intimat u moghtija fit 12 ta' Ottuvbru 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Joe Camilleri**, bhala rappresentant tas-socjeta JMA Limited, prodott mill-intimat u moghtija fl-20 ta' Novembru 2017.

Semghet ix-xhieda ta' **Brian Scerri**, bhala rappresentant ta' Pemix Distributors, prodott mill-intimat u moghtija fit 18 ta' Jannar 2018.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Brian Zammit moghtija fit 18 ta' Jannar 2018.

Semghet ix-xhieda ta' Reuben Bonnici, prodott mir-rikorrent u moghtija fil 15 ta' Frar 2018 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentata.

Rat l-affidavit ta' **Godwin Micallef**, ppresentat mill-intimat fil 15 ta' Frar 2018.

Rat illi fil 15 ta' Frar 2018 il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-gbir tal-provi bhala maghluq.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-abbli difensuri tal-partijiet moghtija fit 12 ta' April 2018, wara liema data il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent, kien kera l-garage 15, basement level gewwa Hamilton Court, Balzan Valley, Balzan fl-10 ta' Gunju 2007 minghand is-socjeta JMA Limited, u dana kif jidher skond skrittura ppresentata mir-rikorrent a fol 20.

Jirrizulta illi fil-garage kien hemm servizz ta' dawl u ilma illi kien jghajjat lir-rikorrent Brian Zammit, liema servizz jidher illi gie installat fil-garage fuq talba ta' l-istess rikorrent fl-1 ta' Gunju 2007 u debitament installat fit 18 ta' Gunju 2007. (fol 101).

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-intimat, fil 15 ta' Mejju 2008, kien kera l-garage 15, basement level gewwa Hamilton Court, Balzan Valley, Balzan fil 15 ta' Mejju 2008 minghand is-socjeta JMA Limited, u dana kif jidher skond skrittura ppresentata mir-rikorrent a fol 22.

Jirrizulta, mix-xhieda taz-zewgt partijiet, illi r-rikorrent, meta kellu l-garage f'idejh, kellu business li jbiegh is-silg illi huwa kien jipproduci minn gewwa tali garage.

Jirrizulta ukoll illi l-intimat kellu hanut illi r-rikorrent kien jissupplieh bis-silg.

Jirrizulta illi mument minnhom, wara illi l-intimat kien biegh vettura lir-rikorrent u kien fadallu x'jhallsu ir-rikorrent lill-intimat, r-rikorrent gharrfu illi kien ried ibiegh il-business tieghu, u ghalhekk il-partijiet ftehmu illi r-rikorrent ibiegh l-avvjament illi huwa kellu lill-intimat, liema avvjament kien jinkludi vann, freezers, magni varji u l-kirja tal-garage inniffsu.

Jirrizulta illi tali ftehim qatt ma gie redatt fl-iskritt.

Jirrizulta illi, sussegwentement ghal tali ftehim, l-intimat dahal fi ftehim ta' kirja ghall garage 15, Hamilton Court, Balzan Valley, Balzan u dahal fil-kirja flok r-rikorrent.

Jirrizulta, madanakollu, illi ghalkemm l-kont tad-dawl u ilma kellu jdur fuq l-intimat, dana qatt ma sehh ghax il-partijiet qatt ma sabu hin biex jiltaqghu flimkien u l-kont baqa' dejjem fuq isem ir-rikorrent.

Jirrizulta illi ghadda z-zmien u r-rikorrent, li kien baqa' jircievi l-kontijiet id-dar tieghu, dejjem baqa' jhalli l-kontijiet fil-garage sakemm, darba minnhom, intebah illi l-kont kien ilu ma jithallas ghal hafna snin, u dana wara illi fetah kont minnhom.

Jirrizulta illi fit 28 ta' Novembru 2015, ossija wara illi nfethet il-kawza odjerna, ir-rikorrent ircieva ittra minghand l-ARMS Limited fejn gie mgharraf illi kien hemm kont pendenti ta' €10,268.38 u kellu sebat ijiem sabiex ihallas.

Ma jirrizultax illi waqt il-mori tal-kawza, ir-rikorrent kellu xi proceduri mibdija u decizi kontra tieghu mill-ARMS Limited jew inkella wasal f'xi ftehim ma' l-istess ARMS Limited dwar tali pretensjoni.

## Ikkunsidrat

Il-Qorti, l-ewwel u qabel kollox, ma tistax ma' tosservax illi l-kawza odjerna infethet sabiex il-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta' €9,830 rappresentanti kontijiet tad-dawl u ilma ta' meters li jghajtu lir-rikorrent f'garage illi kien fil-pussess ta' l-intimat.

Jirrizulta, madanakollu, illi sad-data ta' llum, ir-rikorrent ma hallas **ebda** kont mal-ARMS Limited in konnessjoni ma' tali garage u wisq anqas ma wasal fi ftehim ma' l-istess ARMS Limited sabiex il-kont attwalment dovut jigi kristallizat u rez finali.

Jirrizulta, di fatti, illi r-rikorrent esebixxa ittra tal-ARMS Limited mibghuta lilu fit-28 ta' Novembru 2015, fejn gie indikat illi l-kont tad-dawl u ilma kien aktar minn dak originalment mitlub mir-rikorrent fil-kawza odjerna, ossija ta' €10,268.38. (fol 26)
Jirrizulta, di piu, illi fl-istatement tal-ARMS Limited ippresentat fl-20 ta' Gunju 2016, il-kont pendenti mal-ARMS Limited kien issa jidher fl-ammont ta' €10,787,69 (fol 43) w il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi llum il-gurnata l-kont pretiz mill-ARMS Limited huwa f'ammont ferm oghla.

Il-Qorti qieghda taghmel dawna l-osservazzjonijiet, peress illi jirrizulta car illi l-azzjoni tar-rikorrenti ghall-hlas tal-kontijiet tad-dawl u ilma illi jidher li ilhom pendenti sa mis-sena 2008 hija certament wahda intempestiva stante illi jidher illi l-ammont mitlub mir-rikorrent huwa wiehed ipotetiku u mhux sancit b'ebda ftehim bejn l-istess rikorrent u l-ARMS Limited u/jew xi titolu ezekuttiv kontra l-istess rikorrent.

Ghaldaqstant, la darba l-azzjoni ghat-talba tal-hlas tal-kont tad-dawl u ilma ma tistax hlief titqies bhala wahda intempestiva, ghalhekk t-talba tar-rikorrent ma tistax tintlaqa'.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** it-talba attrici

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur